DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-20 ta' Ġunju 2012

li taħtar Imħallfin u Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/345/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustzzja waslu biex jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2012. Għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018, erbatax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali għandhom jinħatru fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Fil-25 ta' April 2012, permezz tad-Deċiżjoni 2012/244/UE [1], ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru ħdax-il Imħallef u tliet Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018.

(3) Biex titwettaq is-sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jaħtru tliet Imħallfin oħra u Avukat Ġenerali wieħed fil-postijiet li għad fadal biex jimtlew.

(4) Il-Gvernijiet tal-Istati Membri ipproponew il-ħatra mill-ġdid tas-Sur Antonio TIZZANO u l-ħatra tas-Sur Christopher VAJDA bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-ħatra mill-ġdid tas-Sur Paolo MENGOZZI bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati msemmija qabel għall-qadi tad-dmirijiet ta' Mħallef jew Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(5) Żewġ Imħallfin u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom għalhekk jinħatru għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018. Il-post li jifdal ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja ser jimtela f'data aktar tard,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018:

Is-Sur Antonio TIZZANO

Is-Sur Christopher VAJDA

2. Is-Sur Paolo MENGOZZI huwa b'dan maħtur Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2012.

Il-President

J. TRANHOLM-MIKKELSEN

[1] ĠU L 121, 8.5.2012, p. 21.